MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 58/2005

**Emanuel Mifsud.**

**vs.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta' Marzu 2005 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur twieled fl-Imtarfa, limiti tar-Rabat Malta fit-12 ta' Settembru 1967, liema twelid gie registrat fis-6 ta' Ottubru 1967 w inghata n-numru ta' iskrizzjoni 3744/1967 (Dok.A);

Illi sa minn meta kien ghadu ta' eta' zghira, l-attur kien beda jsejjah lilu nnifsu Immanuel, u sia l-familjari kif ukoll

il-hbieb tieghu kienu bdew isejhulu b'dan l-isem ta' Immanuel;

Illi ghal aktar minn ghoxrin sena, kemm il-familjari tieghu, kemm il-hbieb tieghu, kemm fl-Universita' fejn jahdem bhala assistant lecturer, kif ukoll fic-crieki letterarju fejn huwa nvolut l-attur, kulhadd baqa' jaf u konsistentement isejjah lill-attur bl-isem ta' Immanuel;

Illi l-attur ghandu interess li c-certifikat tat-twelid tieghu ikun jirrifletti l-isem li huwa kien jissejjah bih konsistentement, u ghalhekk li jemendah ai termini ta' **artikolu 253 subinciz (2) tal-Kodici Civili**;

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandiex:-

1. Tiddikjara li l-attur ghandu jigi rikonoxxut bl-isem ta' Immanuel u mhux Emanuel;

2. Tordna li l-Att tat-twelid tal-attur li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3744 tal-1967 (Dokument A) jigi emendat fis-sens li kemm fil-kolonna intestata "*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha"* isem it-tarbija ghandu jigi indikat bhala "*Immanuel*" minflok "*Emanuel*" u kif ukoll l-isem taht il-kolonna intitolata *"Ismijiet Moghtija"* ghandu jigi korrett biex jaqra *"Immanuel"*;

3. Tiddikjara li kull att ufficjali li jirrigwarda lill-attur u li huwa msejjes fuq ic-certifikat tat-twelid ghandu jigi emendat sabiex jirrifletti l-bidla ordnata fl-att tat-twelid tal-attur li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3744 tal-1967;

L-intimat huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavits tal-**attur Emanuel Mifsud** flimkien ma dawk ta' ohtu **Mary Carmen Bonello**, ta' **Mario Cassar** u ta' **Hubert Mugliett** a fol. 6 sa fol. 9;

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern skond il-ligi datata 29 ta' Marzu 2005;

Rat ir-rikors datat 22 ta' Marzu 2005 fejn l-attur **Emanuel Mifsud** talab li l-kawza tinstema b'urgenza;

Rat id-digriet datat 28 ta' Marzu 2005 fejn il-Qorti cahdet it-talba anke minhabba pressjoni kbira ta' xoghol, filwaqt li ordnat in-notifika tac-citazzjoni attrici lill-konvenut u ordnat lill-partijiet sabiex jipprezentaw l-affidavits taghhom skond id-digriet ghall-affidavits tal-partijiet anness ma' l-imsemmi digriet b'terminu ta' ghoxrin (20) gurnata kull wiehed. Meta jinghalqu l-provi l-attur kellu jipprezenta nota f'dan is-sens;

Rat in-nota datata 5 ta' April 2005 fejn l-attur Emanuel Mifsud ikkonferma li l-provi kollha tieghu gew ipprezentati mac-citazzjoni;

Rat id-digriet datat 7 ta' April 2005 a fol. 24;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 26 ta' Mejju 2005 a fol. 25 fejn eccepixxa:-

1. Illi l-esponent mhux edott mill-fatti kif dedotti fic-citazzjoni u jirrimetti ruhu ghall-provi dwar is-sustanza tat-talba u cioe' l-bdil ta' l-isem ta' l-attur minn *"Emanuel"* ghal *"Immanuel"*;

2. Illi jehtieg illi l-attur jispecifika l-Atti ta' l-Istat Civili kollha (jekk jirrizulta illi jeziztu ohrajn) li fihom l-attur qed jitlob illi ssir il-korrezzjoni kif mitluba;

3. Illi l-attur ghandu jitlob illi anke l-isem that il-kolonna intitolata *"Ismijiet Moghtija"* ghandu jigi korrett biex jaqra *"Immanuel"*;

**4.** Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid tal-attur m'huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

6. Salv' eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 26 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 27 tal-process;

Rat ir-rikors datat 15 ta' Gunju 2005 u d-digriet ta' din il-Qorti datat 16 ta' Gunju 2005 fejn awtorizzat il-korrezzjoni rikjesta fic-citazzjoni attrici fis-sens li fl-istess certifikat tat-twelid anke l-isem taht il-kolonna intitolata *"Ismijiet Moghtija"* ghandu jigi korrett biex jaqra *"Immanuel"*;

Rat il-verbal datat 16 ta' Gunju 2005 fejn Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2005 wara li Dr. Roma D'Alessandro ghall-konvenut irremettiet ruhha ghall-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid numru 3744/1967, f'dan ic-certifikat isem l-attur huwa dejjem indikat bhala "*Emanuel*" *stante* li l-istess attur qed isostni li huwa kien dejjem maghruf bl-isem ta' "*Immanuel*" u mhux "*Emanuel*" kif jinsab indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher li hemm lok ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-istess attur, fis-sens illi gie ndikat l-isem "*Emanuel*" meta fil-fatt l-isem huwa "*Immanuel*", u fil-fatt mill-provi kollha prodotti u mid-dokumenti kollha esebiti jirrizulta li l-istess attur ilu maghruf u msejjah ghal bosta snin bl-isem

minnu llum indikat, u fil-fatt il-posizzjoni tieghu hija hekk indikati f'diversi dokumenti ufficjali li gew ilkoll minnu esebiti.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici pero' fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-attur ghandu jigi rikonoxxut bl-isem ta' Immanuel u mhux Emanuel;

2. Tordna li l-Att tat-twelid tal-attur li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3744 tal-1967 (Dokument A) jigi emendat fis-sens li l-isem ta' l-attur jigi ndikat bhala dak ta' *Immanuel* minflok kif indikat bhala *Emanuel* u ghalhekk ghandhom jsiru il-korrezzjonijiet kollha fl-istess certifikat tat-twelid ta' l-attur sabiex dan jigi rifless fl-istess b'dan ukoll li fil-kolonna intestata *"Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha"* isem it-tarbija ghandu jigi indikat bhala "*Immanuel*" minflok "*Emanuel*" u wkoll l-isem taht il-kolonna intitolata *"Ismijiet Moghtija"* ghandu jigi korrett biex jaqra *"Immanuel"*, b'dan ghalhekk li fl-istess certifikat tat-Twelid isiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji konsegwenti ta' l-ewwel talba attrici u dan wkoll f'kull certifikat iehor ta' l-istess attur.

3. Tiddikjara li kull att ufficjali li jirrigwarda lill-attur u li huwa msejjes fuq ic-certifikat tat-twelid ghandu jigi emendat sabiex jirrifletti l-bidla ordnata fl-att tat-twelid tal-attur li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3744 tal-1967, b'dan li isem l-attur ghandu jigi ndikat bhala "*Immanuel*" u mhux "*Emanuel*".

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------